MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Numru. 654/1999
Kawza Numru. 15

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**John Attard ta’ 36 sena bin Carmel u Georgia nee Grech li joqghod Nru 60, St Lawrence Street, San Lawrenz, Ghawdex.**
**(Karta ta’ l-Identita` Nru 54762 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur abbuzivament u bla ebda dritt bi hsieb li jezercita dritt li jippretendi li ghandu dahal u okkupa porzjon art li tinsab fil-limiti tat-Torri sive Ta’ Dimitri limiti ta’ l-Gharb, Ghawdex.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi wara ezami tal-provi u wara li ezaminat il-kaz fid-dawl tas-sentenza “Il-Pulizija –vs- Carmel sive Charles Farrugia (Appell Kriminali 17/2/95), jirrizulta bla ebda dubju illi l-imputat qabad u dahal fl-ghalqa in kwistjoni bla ebda titolu jew pretensjoni ta’ titolu wara l-mewt ta’ Tarcisio Agius li kien jikri l-ghalqa minghand il-kwerelanti. L-imputat ghazel illi jixhed u ma gieb l-ebda prova jew hjiel ta’ prova li huwa ghandu xi pretensjoni legittima fuq din l-art;

Ghal dawn il-mottivi ssibu hati;

Rat l-artikolu 85 tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur